**31 ta' Mejju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D.**

Pasquale Grech

*versus*

Alfred Calleja bħala Kummissarju tal-Pulizija

**Liċenza ta' Ħanut - Jekk l-Aġir tal-Kummissarju kienx *Ultra Vires* - Kunsens tas-Sid**

*Il-Qorti trid teżamina biss jekk l-azzjoni tal-ħruġ tal-liċenza fiha nnifisha kenitx "ultra vires" il-poteri vestiti bil-liġi fil-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Imkien fil-liġi ma jirriżulta l-obbligu li l-Kummissarju kellu jikkonsidra qabel jiddeċidi d-drittijiet ta' terzi.*

*Il-liċenza waħidha bl-ebda mod ma tissana n-nuqqas ta' kunsens jew tissanzjona l-użu divers mill-inkwilin tal-fond lili mikri.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut ħareġ liċenza għall-eżerċizzju ta' kummerċ fil-*garage* "Carlos", Villambrosa Street, il-Ħamrun, lill-inkwilin;

Illi dik il-liċenza ġiet maħruġa mingħajr ma kien jaf u mingħajr ma ried l-istanti bħala sid tal-*garage*, abbusivament u illegalment, u bi preġudizzju tad-drittijiet ta' l-istanti, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Talab li din il-Qorti:

1. prevja d-dikjarazzjoni li l-liċenza fuq imsemmija ġiet maħruġa mill-konvenut mingħajr ma kien jaf u jrid l-attur, abbusivament, illegalment u bi preġudizzju tad-drittijiet ta' l-attur;

2. tinibixxi lill-konvenut milli jittrasferixxi l-imsemmija liċenza fuq xi ħadd ieħor u tirrevoka l-istess liċenza;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li biha eċċepixxa:

Illi l-allegazzjonijiet huma infondati:

1. fid-dritt: l-intempestività ta' l-azzjoni attriċi stante li l-esponent ma eżawriex ir-rimedji kkontemplati fil-liġi qabel ma adixxa din il-Qorti;

2. fi kwalunkwe każ, l-irritwalità tal-proċedura odjerna peress li l-esponent, *qua* awtorità pubblika, ma jistax "*a priori*" jinżamm milli jeżerċita funzjoni vestita fih espressament mil liġi;

3. bla preġudizzju, l-esponent jaġixxi fir-rigward ta' liċenzi mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi u li għaldaqstant huwa mhux il-liġittimu kontradittur f'din il-kawża;

4. l-anqas jista' jkun tenut li l-esponent għamel jew jista' jagħmel xi ħaġa ta' preġudizzju, wisq anqas wieħed irrimedjabbli, *ai termini* ta' l-Artikolu 873 tal-Kap. 12;

5. fil-fatt: l-esponent ġie mħarrek inutilment *stante* li ma nħarġet l-ebda liċenza kif jallega l-attur;

Għaldaqstant l-esponenti ma għandux ibati spejjeż;

Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Ikkunsidrat:

Il-fatti tal-kawża huma sempliċi u ma jirriżultawx ikkontestati almenu bejn l-attur u l-konvenut. Huma fil-qosor is-segwenti:

1. L-attur hu proprjetarju tal-*garage* "Carlos" Villambrosa

Street, il-Hamrun. Dan il-fond ġie minnu mikri lil ċertu Publio Farrugia - illum mejjet - żgur qabel is-sena 1977. L-attur baqa' ma xehedx u għalhekk ma ġiet bl-ebda mod stabbilita minnu meta bdiet il-kirja favur Pubblio Farrugio u verament lanqas ġie minnu direttament ikkonfermat għal-liema użu ġie lilu mikri l-fond. Mill-protest ġudizzjarju u anke mill-korrispondenza esebita li għaddiet bejn l-Avukat ta' l-attur u l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija jittrapela illi l-attur isostni li nkera l-*garage* għall-użu tal-karozza privata;

2. Jirriżulta ppruvat illi fil-**1977** saret applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza fuq dan il-*garage* "*to sell Mild Steel*" u din il-liċenza ġiet maħruġa favur l-inkwilin Publius Farrugia ta' "Invicta" Quaries Street, Imsida;

3. Minn indaġini li saret mat-Trading Licences Office ta' l-Uffiċċju tal-Pulizija jirriżulta "li fuq dan il-post ma saret l-ebda talba għal-liċenza oħra ħlief din." Publio Farrugia *bħala l-licensee* baqa' jgawdi din il-liċenża ininterrottament sakemm miet fil-1991;

4. Mill-atti akkwiżiti u mir-*records* tal-Pulizija ma jirriżultax illi l-Pulizija eseġiet prova tal-**kunsens** tas-sid għal-ħruġ tal-liċenza favur Farrugia. Kienet il-prattika allura illi l-liċenża tiġi maħruġa wara li ssir il-prova li l-applikant ikun **il-kerrej** tal-fond li fuqu tkun qed tiġi mitluba li tinħareġ il-liċenza *tramite* l-produzzjoni ta' kopja ta' l-irċevuta tal-kera mis-sid favur l-applikant;

*Omissis*;

**Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-**

1. It-talbiet ta' l-attur huma diretti kontra l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u mhux kontra l-inkwilin tiegħu jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu. Dan ifisser illi l-attur irid jipprova aġir abbużiv, illegali u preġudizzjevoli tad-drittijiet tiegħu da parti tal-Kummissarju indipendentement minn aġir simili ta' l-istess inkwilin jew is-suċċessuri tiegħu. Il-Qorti trid għalhekk teżamina biss jekk l-azzjoni tal-ħruġ tal-liċenza fiha nnifisha favur Publio Farrugia fil-1977 kenitx "*ultra vires*" il-poteri vestiti bil-liġi fil-Kummissarju tal-Pulizija kif viġenti dak iż-żmien bħala l-Awtorità responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzi ta' din ix-xorta. Huwa paċifiku illi l-għoti tal-liċenza mill-Eżekuttiv tingħata dejjem mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi li jibqagħlhom dejjem il-jedd li jikkontestawha '*in sede propria*' u in kontestazzjoni mal-persuna li tkun ottjenietha. Dan '*multo magis*' meta fiż-żmien meta tali liċenza tkun ġiet konċessa ma jkunx hemm miftuħa għat-terż - f'dan il-każ l-attur - rimedji amministrattivi biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni tal-*licensing authority* li takkorda, tiċħad jew tvarja liċenza u dana quddiem tribunal appożitu. Rimedju li fil-każ in eżami ma jidhirx li kien jeżisti qabel ir-regolamenti maħruġa bl-Avviż Legali Numru 18 ta' l-1991 bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att dwar il-liċenzi tal-Pulizija;

2. Il-Qorti ma sabet l-ebda obbligu impost bil-liġi fuq il-Kummissarju tal-Pulizija viġenti fiż-żmien meta ngħatat oriġinarjament il-liċenza favur Farrugia li jaċċerta ruħu mill-kunsens tas-sid għall-għoti tal-liċenza u lanqas jaċċerta li l-iskop li għalih tkun intalbet il-ħruġ tal-liċenza jkun konformi ma' l-attività illi l-liċenza tkun maħsuba li tkopri. Il-prattika stabbilita mill-Pulizija li tillimita l-indaġini tagħha biex taċċerta li fil-fatt kienet teżisti kirja favur l-applikant għalkemm la kienet idejali u lanqas sodisfaċenti tant li wara nħasset il-ħtieġa li tiġi

sostanzjalment modifikata kienet però tissodisfa l-vot tal-liġi. Dan għaliex imkien fil-liġi ma jirriżulta l-obbligu li l-Kummissarju kellu jikkonsidra qabel jiddeċidi d-drittijiet ta' terzi u anke għaliex hu paċifiku li l-għoti tal-liċenzi waħedhom ma kinux jintralċjaw fuq dawn il-jeddijiet;

3. Il-fatt li l-inkwilin oriġinali jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu kienu jivvantaw kontra l-attur, is-sid, xi jedd minn ċirkostanza biss illi huma ottjenew liċenza kummerċjali fuq il-fond, bl-ebda mod ma tinvolvi lill-Kummissarju tal-Pulizija jew tirrendih responsabbli għad-danni fir-rigward tas-sid. Is-sid kellu u għad għandu dejjem id-dritt li jikkontesta l-għoti tal-liċenza mill-konvenut fis-sede proprju u cjoè fil-każ ta' proċeduri għall-iżgombru ta' l-inkwilin quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera tal-fondi urbani. Ikun f'dik is- Sede illi l-attur ikun jista' mill-għoti tal-liċenza kummerċjali mingħajr il-kunsens tiegħu jikkontesta l-użu divers *li l-inkwilin ikun* qed jagħmel mill-fond ukoll mingħajr il-kunsens u kontra l-volontà tiegħu. Il-liċenza waħedha bl-ebda mod ma tissana dan in-nuqqas ta' kunsens jew tissanzjona l-użu divers mill-inkwilin tal-fond lilu mikri. L-għoti tal-liċenza f'dawn iċ-ċirkostanzi hi għas-sid, l-attur, "*res inter alios acta*" u ma tista' bl-ebda mod tippreġudikah fid-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' l-inkwilin. *Il-Qorti ma tarax allura kif tista' tordna r-revoka ta' l-*istess liċenza u lanqas għaliex għandha hekk tagħmel;

4. Dan kollu japplika b'mod partikolari għall-għoti tal-liċenza oriġinali, għalkemm hu rilevanti wkoll fil-każ ta' trasferiment tal-liċenza wara l-mewt ta' l-inkwilin Publio Farrugia. Fir-rigward ta' dan it-trasferiment - l-attur qed jitlob ukoll espressament illi l-konvenut jiġi inibit milli jagħmel dan it-trasferiment lil ħaddieħor - il-konvenut qed jeċċepixxi kemm l-intempestività ta' l-azzjoni attriċi kif ukoll l-irritwalità tal-

proċedura odjerna peress li hu "ma jistax jinżamm '*a priori*' milli jeżerċita funzjoni vestita fih espressament fil-liġi." Eċċezzjonijiet dawn li jirriżultaw fondati fil-fatt u fil-liġi;

Jirriżultaw mill-fatti illi l-Pulizija ta' l-Għassa tal-Hamrun ingħatat l-ordni biex il-liċenza "ma tiġix *renewed*" u fil-fatt il-liċenza tħallset l-aħħar sas-sena 1991 u dana in segwitu ta' ordni tal-Qorti. Dan ifisser li inizjalment l-attur ottjena l-iskop immedjat tiegħu li l-liċenza oriġinali ma tiġix trasferita lil terzi "*causa mortis*". Dan ma jfissirx però li l-Qorti tista' tinibixxi lill-Kummissarju tal-Pulizija indefinittivament mill-eżerċizzju tal-poteri fih vestiti bil-liġi billi timpedih milli jiddeċiedi dwar it-trasferiment tal-liċenza. Aktar u aktar meta issa bis-saħħa tar-regolament 18 ta' l-1991, **kull persuna li jkollha interess** tista' tikkontesta "applikazzjoni għall-għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenza", quddiem il-Bord ta' Pariri dwar licenzi tal-Pulizija u jkollha jedd li tinstema' mhux biss id-deċiżjonijiet kollha tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tal-liċenzi huma soġġetti għall-appell **minn kull persuna interessata** quddiem Tribunal ta' Appell b'kompetenza speċjali u esklussiva in materja. Hu ċar allura li ċertament fir-rigward tat-trasferiment tal-liċenza favur ħaddieħor, inkluż favur l-intervenuti fil-kawża, l-attur mhux biss għadu ma eżawriex ir-rimedji ordinarji quddiem it-Tribunali kompetenti imma wkoll li tali rimedji jistgħu jibdew jiskattaw biss "*una volta*" li jkun hemm **deċiżjoni** da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar tali trasferiment. Deċizjoni li sallum għadha ma tteħditx *in parte* minħabba l-mandat ta' inibizzjoni sa issa operattiv;

5. Il-Qorti taqbel li l-provvedimenti ta' l-Avviz Legali 18 ta' l-1991 u r-rimedji kważi ġudizzjali bih provduti ma jistgħux japplikaw għall-għoti **tal-liċenza oriġinali** favur Publio Farrugia.

Dan għaliex **l-applikazzjoni għall-għoti** tal-liċenza trid tiġi kkontestata quddiem **il-Bord** qabel din tiġi deċiża mill-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 4) u l-appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hu miftuħ biss għall-"persuna interessata **li tkun qabel** ressqet ilment quddiem il-Bord" [Art. 6 (3)]. **L-għoti** tal-liċenza fil-1977 kien allura att finali u jipprekludi lill-attur milli jibbenefika mir-rimedji li ġew mgħotija bl-Avviz Legali Numru 18 ta' l-1991. Fir-rigward ta' l-għoti tal-liċenza oriġinali l-Qorti, kif fuq ingħad, issib li l-azzjoni attriċi insostenibbli għar-raġunijiet elenkati u wkoll għaliex bil-mewt ta' l-inkwilin, ir-rilevanza ta' dak l-att hi limitata biss għall-indaġini jekk **l-attività kummerċjali** koperta bil-liċenza kenitx magħmula bil-kunsens tas-sid jew le. Jekk jirriżulta l-kunsens tas-sid għall-għoti tal-liċenza dan seta' jkun jammonta għall-prova determinanti li tali attività saret bil-kunsens tas-sid, però l-fatt li l-liċenza setgħet ġiet mogħtija **mingħajr** il-kunsens tas-sid, bl-ebda mod ma jippreġudika lis-sid kif lanqas jammonta għall-prova determinanti li l-attività konsegwità in konformità ma' tali liċenza kienet qed tiġi ġestita kontra l-volontà jew mingħajr l-kunsens tas-sid. Dawn aspetti tal-vertenza li jibqgħu miftuħa bejn *is-sid u l-inkwilin u li jridu neċessarjament jiġu epurati fis-sede* kompetenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet ta' l-attur;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.